**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 352/2021**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Audrey Micallef)**

**-Vs-**

**ALDARWISH MAJED**

**Illum, 29 ta' Jannar 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **ALDARWISH MAJED** ta' 44 sena iben Mohammed Emid u Amsha Aldarwish, li twieled gewwa Hasaka-Syria nhar is-10/08/1976 residenti fil-fond 26, Cardona Flats Flt4, Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta ta' l-identita **0134714A** li ġie akkużat talli nhar il-25 ta' Marzu 2021 u/jew fil-granet u/jew gimghat u/jew xhur ta qabel ġewwa San Gwann u diversi postijiet ġewwa dawn il-gzejjer b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda

1. Ikkaguna lill eks siehba tiegħu **Kateryna Roik** biża li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi ħadd mill-axxedenti jew dixxendenti tagħha

2. Ikkaguna lill eks sieħba tiegħu u cioe' **Kateryna Roik** fastidju għal iktar minn darba meta ġab ruhu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali

U akkuzat aktar talli fit-23 ta' Marzu 2021 għall-ħabta tal-11:00am ġewwa San Gwann

3. Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tammonta għal anqas minn €2,500 għad-dannu ta' **Kateryna Roik**

4. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil **Kateryna Roik**

5. Għamel ingurji jew theddid mhux imsemmijja band'oħra fil-kodiċi kriminali jew, jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li ħareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni

Il-Qorti kienet mitluba sabiex toħrog ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża konta Aldarwish Majed a beneficju ta' **Kateryna Roik** u l-familjari tagħha u dan fit-termini tal-Artikoli 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll f'kaz ta' ħtija, sabiex tipprovdi għall-persuni ta' Kateryna Roik jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabli ghar-reat, torbot lil **Aldarwish Majed** b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ghal żmien li tħoss xieraq.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lil **Aldarwish Majed** għall-ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fil-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jaqra l-akkużi u jikkonfermahom bil-ġurament[1] u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali[2] ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali biex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami iwieġeb li mhux ħati tal-akkużi;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2024;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Dan huwa każ ta' allegat vjolenza domestika kif imfisser taħt l-artikolu 2 tal-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta. It-teżi tal-Prosekuzzjoni hi li wara li r-relazzjoni bejn l-imputat u Kateryna Roik, l-allegat vittma[3], intemmet, l-imputat ġab ruħu b'mod li ta fastidju kif ukoll li ġiegħel lill-vittma tibża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew fuq il-

---

[1] 21 ta' April 2022.

[2] 3 ta' Marzu 2022, folio 3.

[3] Jiġi osservat illi ma saret l-ebda talba biex Kateryna Roik tiġi ammessa fil-proċeduri bħala l-parti offiża għaliiex fin-nota ppreżentata mill-avukat difensur fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2021 ġie dikjarat li l-istess avukat "*qiegħed jippreżenta ruħu bħala l-avukat tal-parti ċivile*" u ma saret ebda talba formali kif maħsub fl-artikolu 410(5) tal-Kap. 9.

proprjeta' tagħha u dan meta kien isegwiha, jistenniha barra d-dar tagħha, iħabbtilha fuq il-bieb tar-residenza tagħha u jipprova jidħol ġewwa, u jċemplilha wkoll ripetutament biex tħallsu lura l-flus li kien taha matul ir-relazzjoni tagħhom, bl-użu ta' theddid.

**Kateryna Roik** xehdet[4] illi hija kienet f'relazzjoni mal-imputat, liema relazzjoni bdiet f'Mejju 2020 u damet madwar sitt xhur. Fis-7 ta' Novembru 2020 hija marret tieħu xi affarijiet personali tagħha mir-residenza tal-imputat wara li kien qed jibagħtilha messaġġi biex tmur tiġborhom għaliex inkella kien ser jarmihomlha[5][6]. Ċaħdet li r-relazzjoni tagħhom intemmet dakinhar u li l-imputat keċċiha minn daru, u ċaħdet ukoll li in segwitu kienet reġgħet daħlet f'relazzjoni mal-imputat. Dikjarat illi dak iż-żmien kienet qaltlu ripetutament li ma tridx tkun f'relazzjoni miegħu u kienet qed tipprova tevitah, u meta marret tiġbor ħwejjiġha fis-7 ta' Novembru 2020 emmnet li finalment l-imputat kien aċċetta li ma riditx ikollha x'taqsam iktar miegħu u li kien ser iħalliha bi kwietha. Madankollu, meta marret tieħu ħwejjiġha, l-imputat beda jgħajjarha, jobżqilha u imbottaha fit-taraġ u hi qabdet u telqet mingħajr ma ħadet il-baskett bl-affarijiet tagħha. Spjegat illi matul ir-relazzjoni tagħhom l-imputat ma kienx iħalliha toħroġ taħdem u kien iġġieled magħha meta kienet qaltlu li kienet sabet xogħol u kellha intervista. Qalet li ma setgħet tagħmel xejn għaliex qiegħda waħedha Malta u ma għandha lil ħadd jgħinha.

Kateryna Roik xehdet ukoll li bejn is-7 ta' Novembru 2020 u d-29 ta' Diċembru 2020 l-imputat kien ipprova jċempillha diversi drabi minn numri differenti. Darba minnhom, f'dan il-perijodu, meta kienet fil-karozza flimkien ma' ħabiba tagħha Ylenia Cassar, l-imputat beda jsegwihom u ratu jagħmel mossa qiesu qed jaqta'

---

[4] Xhieda tas-17 ta' Novembru 2021, u kontro-eżami 12 ta' Ottubru 2022, 10 ta' Novembru 2022 u 9 ta' Marzu 2023.
[5] PS 2007 Theresa Farrugia xehdet fid-dettall dwar ir-rapport li għamlet Kateryna Roik fis-7 ta' Novembru 2020 iżda l-Qorti fehmet li diġa' ttieħdu proċeduri kriminali fil-konfront tal-imputat Majed Aldarwish in konnessjoni mal-inċident li seħħ fid-data msemmija. Ara xhieda tal-Ispetter Audrey Micallef, 17 ta' Novembru 2021, fejn ikkonfermat illi hemm proċeduri kriminali pendenti fil-konfront tal-imputat in konnessjoni mar-rapport li sar minn Kateryna Roik fis-7 ta' Novembru 2020. Kateryna Roik ukoll xehdet, 17 ta' Novembru 2021: "*seventh of November was the first case, Theresa Farrugia Inspector made the first case and second case happen in March.*"

għonqu b'subajgħ u dan waqt li kien qed iħares lejha.  Kien ċempel ukoll lit-tifel ta' Ylenia Cassar u qallu li kien ser joqtolha, b'riferenza għaliha, anke jekk ikollu jmur il-ħabs.  Dakinhar għamlet rapport fl-Għassa tal-Pulizija tal-Qawra.  Xehdet illi nnotat lill-imputat isegwiha bil-karozza fi tliet okkażjonijiet separati: darba meta marret il-Melita ma' Ylenia Cassar, darb'oħra meta marret iġġorr ħwejjiġha mill-appartament tagħha biex tqatta' ftit ġranet għand Ylenia, kif ukoll meta marret toqgħod f'lukanda għal ftit ġimgħat f'Diċembru 2020.  Qalet ukoll li fid-29 ta' Diċembru 2020, l-imputat qalilha li kien applika għan-nom tagħha biex jinħarġilha visa biex taħdem Malta.

Fil-perijodu qabel għamlet ir-rapport mal-Pulizija fid-29 ta' Diċembru 2020, kienet tinnota lill-imputat isegwiha b'karozza Ford ta' lewn abjad u bin-numru 539 u kien qed isegwiha l-ħin kollu anke meta kienet tkun miexja fit-triq kif ukoll iċempel u jibgħatilha messaġġi kontinwament.  Hi kienet tinjora t-telefonati u l-messaġġi tiegħu u ma kienetx qed tweġibhom.

Imbagħad, għall-ħabta ta' Jannar 2021 reġgħet bdiet tkellem lill-imputat għaliex irrejalizzat li ma kienx ser iħalliha bi kwietha.  Innegat illi reġgħet bdiet relazzjoni intima miegħu u fissret li ma setgħetx tagħmel dan wara dak li kien għamlilha u kienet qiegħda tkellmu biss biex tagħti l-impressjoni li m'hemmx problemi bejniethom anke għaliex dalwaqt kellhom jidhru quddiem il-Qorti fuq ir-rapport li kienet għamlet lill-Pulizija f'Novembru 2020.  Xehdet ukoll illi dak iż-żmien marret toqgħod f'lukanda għal ftit jiem waqt li kienet qed tistenna biex l-appartament li kienet kriet, jitlesta.  L-imputat, li sadanittant kien irċieva t-taħrika għall-qorti in konnessjoni mar-rapport li kienet għamlet fis-7 ta' Novembru 2020, sabha fil-lukanda u kien ħallas għall-ispejjeż tal-lukanda iżda ċaħdet illi kien qed joqgħod magħha.  Marret toqgħod fl-appartament ġdid f'San Ġwann għall-ħabta ta' Frar 2021 u kkonfermat li kien l-imputat li kien ħallas id-depożitu għall-kiri ta' dan l-appartament - iżda l-kera dejjem ħallsitu hi - għaliex ikkonvinċiha li kien iddispjaċih u ried jiskuża ruħu għall-mod kif kien ittrattaha u mhux għaliex kienu f'relazzjoni intima.  Fil-fatt ċaħdet b'mod speċifiku li kienet tibagħtlu messaġġi intimi f'dan il-perijodu inkluż messaġġi fejn qaltlu li tħobbu

u nnegat ukoll li kienu marru jieklu l-Mellieħa għal Jum San Valentin u sostniet li kienu marru jieklu l-Mellieħa fis-sajf ta' qabel meta kienu f'relazzjoni.

Xehdet illi dak iż-żmien l-imputat kien qed iċempillha u jibagħtilha wkoll ħafna messaġġi minn numri differenti iżda hi ma weġbitux u mblokkat in-numri li kien qed juża biex jipprova jikkomunika magħha. Darba minnhom stenna lejl sħiħ barra l-appartament tagħha f'San Ġwann. L-għada filgħodu, 23 ta' Marzu 2021 meta ġiet biex toħrog biex tmur tagħmel rapport lill-Pulizija, għall-ħabta tal-11.00 a.m., sabet lill-imputat wara l-bieb u imbottaha 'l ġewwa u beda jgħajjat u jżommha minn għonqha u minn xagħarha. Meta qaltlu li kienet ser iċċempel lill-Pulizija, ġibidha għal ġol-kamra tas-sodda bil-forza u beda jheddidha li jekk ma kienetx ser taqbel b'dikjarazzjoni bil-miktub li għandha tħallsu lura s-somma ta' €10,000, ser jeħodilha l-passaport sakemm tħallsu iżda hi rrifjutat li tiffirma dikjarazzjoni bħal dik u biex tipprova tikkalmah, bdiet tgħidlu li m'għandhiex flus, lanqas flus biex tixtri ikel u ilma għaliha nnifisha. Ħadilha wkoll il-mobile tal-għamla iPhone 11 Pro Max li kien xtralha hu stess bħala rigal, u kissrilha wkoll mobile ieħor tal-għamla iPhone 6 u dan billi tefagħhom mal-art. Kissrilha wkoll par nuċċali tax-xemx tad-ditta Rayban b'idejh u par airpods li wkoll kien xtrahomlha hu stess. Hi pprovat iżżomm kalma biex forsi jitlaq mill-appartament tagħha u tkun tista' tagħmel rapport lill-Pulizija. L-imputat imbagħad qalilha biex jirranġaw u jibdew ir-relazzjoni mill-ġdid u kien lest jerġa' jixtrilha kollox ġdid, jekk hi tirtira r-rapport li kienet għamlet lill-Pulizija fis-7 ta' Novembru 2020 meta marret tiġbor ħwejjiġha mir-residenza tiegħu wara li ħassret ir-relazzjoni, fejn l-imputat kien heddidha u għajjarha. Iżda meta qaltlu li ma riditx tkun iktar f'relazzjoni miegħu u ma tridx ikollha x'taqsam iktar miegħu, l-imputat irvella u beda jerġa' jheddidha biex tħallsu flusu lura. Tant hu hekk, dam fl-appartament tagħha sas-6.00 p.m. u wara marret tirrapporta fl-Għassa tal-Pulizija. L-għada, l-imputat ħallilha xi ikel barra l-bieb tal-appartament tagħha.

Iddikjarat illi xtaqet ħafna li l-imputat iħalliha bi kwietha u fissret illi minħabba din l-imġieba tal-imputat u l-fatt li ġiet Malta waħedha u ma kellha lil ħadd biex jipproteġiha, kienet tħoss ħafna biża' u kienet tibża' wkoll toħroġ minn darha tant illi

kienet titlob lil sħabha jakkumpanjawha.  Spjegat "*I cannot explain this feeling, because I'm alone here and I don't have no one, this person treat me I cannot breathe, all the time I feel like some shadow behind me.*"

Ikkonfermat ukoll li darba minnhom għall-ħabta tas-sajf meta kienu għadhom f'relazzjoni, l-imputat kien bagħat xi flus, ċirka €500 lill-familja tagħha ġewwa l-Ukraina iżda insistiet li hi qatt ma talbitu biex jagħmel dan.

**Evgeunia Cassar** fix-xhieda tagħha[7] kkonfermat illi Kateryna Roik kienet marret toqgħod magħha għall-ħabta ta' Novembru 2020 u dak iż-żmien kienet innotat lill-imputat isuq warajhom u kkonfermat li l-imputat jaf x'karozza issuq u jaf anke fejn toqgħod.  Spjegat ukoll illi l-għada tal-inċident li kien seħħ f'Marzu 2021, Kateryna marret b'taxi għandha d-dar, il-Qawra, fejn dehret li kienet imwerwra u qaltilha x'kien ġara.  Urietha l-fdalijiet tat-telefon ċellulari tagħha u ta' oġġetti oħrajn fosthom nuċċali tax-xemx u iPhone ieħor.  Kienu sabu wkoll illi fuq Facebook kien hemm paġni foloz f'isem Kateryna u bir-ritratti privati tagħha.  Qaltilha wkoll li membri tal-familja ta' Kateryna ġewwa l-Ukraina kienu qed jirċievu messaġġi b'ritratti tagħha li kienet bagħtet lill-imputat hi stess.  Kateryna qaltilha wkoll dakinhar illi l-imputat kien qed jistenniha barra l-bieb tad-dar tagħha u għamel ħoss ta' qattus u meta fetħet il-bieb biex tara kienx hemm qattus, qabadha minn għonqha u imbottaha 'l ġewwa fl-appartament tagħha u beda jheddidha li kellha tikteb li għandha tagħtih ammont ta' flus.

**L-imputat, Majed Aldrawish**, fl-istqarrija li kien irrilaxxa lill-Pulizija waqt l-interrogazzjoni tiegħu fit-28 ta' Marzu 2021[8], debitament iffirmata minnu, kif ukoll fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti[9], qal illi kien mar jieħu kafe' ma' Kateryna Roik meta ġiet Malta mill-Polonja u minn hemmhekk bdew relazzjoni u peress li ma kienetx taħdem, wara xaharejn kien beda jħallsilha kollox, kera, dawl, ilma, u kull

---

[7] Xhieda tat-3 ta' Marzu 2022.

[8] Paġna 7 sa paġna 10 tal-atti proċesswali – ara wkoll twissijet mogħtija fl-istess stqarrija kif ukoll dikajrazzjoni ta' rinunzja għall-jedd għal assistenza legali ffirmata mill-imputat – paġna 11 tal-atti proċesswali.

[9] Xhieda tad- 29 ta' Mejju 2023.

ġimgħa kien jagħtiha l-flus biex tħallas għal xagħarha, dwiefer u makeup u kien bagħat ukoll flus lil ommha u lil missierha fl-Ukraina. Għamlet xi żmien toqgħod miegħu fl-appartament tiegħu f'San Pawl il-Baħar. Wara sitt xhur li kienu ilhom flimkien, fis-7 ta' Novembru 2020, iġġieldu u marret tiġbor ħwejjiġha mid-dar tiegħu u mbagħad bagħtu għalih il-Pulizija. Meta mbagħad kriet appartament ieħor ġewwa San Ġiljan, kien ħallas id-depożitu kif ukoll il-kera sa Marzu 2021.

L-imputat xehed illi kien bagħat is-somma ta' €500 lil ommha u missierha fl-Ukraina u mbagħad qalulu li Kateryna kienet qed titkellem ma' xi ħaddieħor u wasal għall-konklużjoni li hija kienet qed tużah minħabba l-flus biex jixtrilha u jħallsilha l-affarijiet. Wara ġimgħa, qalilha li għandu bżonn il-flus tiegħu, ċirka €4,000 u qaltlu li ma kellhiex flus iżda kif tibda taħdem, sejra tħallsu lura kollox. Hu kien jaf li dak iż-żmien kienet qed titkellem ma' xi ħadd u beda jċempillha u jgħidilha li għandu bżonn il-flus tiegħu u kienet qaltlu li lanqas m'għandha x'tiekol. Għalhekk kien mar jixtrilha l-ikel u sigaretti u mar iħabbtilha fuq il-bieb iżda ma fetħitx u ħalla l-ikel wara l-bieb tagħha. Dak il-ħin ritratt tal-ikel wara l-bieb u bagħtulha.

Fl-istqarrija tiegħu lill-Pulizija, l-imputat kien qal li nhar it-Tlieta, 23 ta' Marzu 2021, huwa kien mar iħabbat il-bieb tal-appartament ta' Kateryna f'San Ġwann biex jitlob għal flusu għaliex kien ċemplilha iżda ma bdietx twieġbu. Kien bagħtilha wkoll messaġġi li għandu bżonn jieħu flusu lura u wkoll ma weġbitux. Qal li kien jaf li Kateryna kienet ġewwa għaliex semagħha titkellem ma' mara oħra u minn barra l-bieb kien qalilha "*isma' ma rridx problema, għandi bżonn il-flus tiegħi*" iżda ċaħad li kien għajjarha.

Fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti l-imputat xehed[10] hekk: "*darb'oħra marret* (mort) *id-dar ħbejt* (bdejt) *inħabitlha u mhux qed tiftaħli l-bieb ħbejt* (bdejt) *nitkellem minn wara l-bieb għax smajtha hi ġewwa titkellem ma' xi ħadd il-ħabiba tagħha bil-lingwa*

[10] Xhieda tad-29 ta' Mejju 2023.

*tagħhom u għedtilha 'iftaħ il-bieb għala ma tiftaħlix għax għandi bżonn il-flus tiegħi minnek u baqgħet ma tiftaħx u jien ... Għedtilha fuck you bitch*'"

Iżda ċaħad li kien daħal fid-dar tagħha bil-forza u li kissrilha żewġ mobile phones, par *airpods* u nuċċali tax-xemx, u sostna li dawn l-oġġetti kollha għajr għal mobile wieħed, kien xtrahomlha hu stess. Innega wkoll li kien talabha tiffirma dikjarazzjoni dwar il-flus li kellha tħallsu lura u li talabha tħallsu s-somma ta' €10,000. Iżda stqarr illi kien qalilha li l-flus huma tiegħu u jridhom għaliex ma kienux għadhom f'relazzjoni flimkien.

L-imputat ċaħad ukoll li kien reġa' mar id-dar ta' Kateryna Roik wara dakinhar u insista li ma kienx reġa' ċempillha. Iżda waqt l-interrogazzjoni stqarr illi ġurnata wara li mar iħabbtilha fit-23 ta' Marzu 2021, kien ħallielha ikel u sigaretti wara l-bieb tagħha u aċċetta wkoll li kien mar għandha wkoll l-għada, il-Ħamis.

Ikkonferma li s-somma totali li jrid li Kateryna tħallsu lura hija ta' €4,800 li tinkludi s-somma ta' €500 li bagħat lil ommha u l-flus li taha biex tħallas għal affarijiet personali, iżda mhux qed jippretendi li tħallsu wkoll il-kera li kien ħallas għall-appartamenti li kienet tikri f'San Pawl il-Baħar u l-Qawra meta kienu f'relazzjoni, iżda biss il-kera u d-depożitu li ħallas għall-appartament ġewwa San Ġwann. L-imputat ċaħad li huwa hedded lil Kateryna li ser joqtolha u li jeħodilha l-passaport u sostna li kien kellimha b'mod normali meta talab għal flusu.

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel żewġ imputazzjonijiet jaddebitaw lill-imputat ir-reati taħt l-Artikolu 251A tal-Kap. 9 u r-reat taħt l-Artikolu 251B tal-Kap. 9, rispettivament.

Dwar l-element kostitutiv tar-reati kemm taħt l-artikolu 251A kif ukoll taħt l-artikolu 251B tal-Kap. 9, huwa paċifiku fl-insenjament ġurisprudenzjali in materja illi jeħtieġ li jintwera li "*l-imġieba*" tal-aġent tar-reat tammonta għal *a course of conduct.* Dan

hu deżumibbli mill-użu speċifiku tal-kelma "*imgieba*" f'dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet legali kif ukoll, kwantu għar-reat taħt l-artikolu 251B tal-Kap. 9, mill-kliem tal-ligi: "*… lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet*". In kwantu għar-reat taħt l-artikolu 251A tal-Kap. 9, l-element tal-kondotta ripetuta huwa inerenti fit-tifsira nnifisha tal-kelma fastidju.

Fir-rigward ta' dawn iż-żewġ reati u l-ħtieġa tal-prova tal-element materjali ta' *a course of conduct*, issir ukoll referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bajada**[11] fejn gie ritenut:-

"*Illi r-reat tal-fastidju u tal-harassement kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B gew introdotti ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-gurisprudenza tal-qrati taghna jidher illi l-imgieba li tohloq il-fastidju trid tkun "a course of conduct" u mhux incident wiehed u izolat.*

*Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet* <u>*Il-Pulizija vs James Demanuele*</u> *deciza fis-26 ta' Novembru 2009 il-Qorti stqarret:*

*"... Fl-artikolu 251C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qatgħa: ("alarming") jew idejjaq: ("causing distress") lill-persuna. Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:- "***Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose***", dan l-element ta'* ***ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxxena*** *u ta'l-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "*<u>*Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez"*</u> *[21.6.07] :-*

[11] Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, deciz 2.05.2013.

*"…. f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn* ***agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien****." Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal-parametri tal-akkuza nnifisha." Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. ("alarming the person or causing the person distress" fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "harassment". Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati.* ***Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f'dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi****."*[12]

In propositu tar-reat ta' fastidju (*harassment*), intqal hekk f'**Blackstone's Criminal Practice** (2012 Ed.):-

"*Establishing a course of conduct, rather than a series of unrelated acts, is crucial to the success of any prosecution for harassment, and '***it is the course of conduct which has to have the quality of amounting to harassment, rather than individual instances of conduct***' (Iqbal v Dean Manson (Solicitors) [2011] EWCA Civ 123 per Rix LJ at [45]). The matters said to constitute the course of conduct amounting to harassment must be ... so connected in type and in context as to justify the conclusion that they amount to a course of conduct (Patel [2005] 1 Cr App R 440; Pratt v DPP (2001) 165 JP 800; C v CPS ). The fewer and further apart the incidents, the less likely it is that they will be so regarded, but circumstances can be conceived 'where*

[12] Emfasi tal-Qorti.

*incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct' (Lau v DPP [2000] Crim LR 580).*"[13]

Element ieħor kostituttiv tar-reat taħt l-Artikolu 251B tal-Kap. 9, oltre għall-prova ta' atti materjali konsistenti f'manifestazzjoni ta' theddid ta' vjolenza, huwa l-biża' li dawn l-atti jkunu effettivament ikkaġunaw lis-soggett passiv tar-reat: biża' li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta` tieghu jew tal-persuni msemmija fl-artikolu tal-liġi.  Għalkemm il-prova rikjesta hija ta' stat ta' emozzjoni soġġettiva, din tista' tigi deżunta wkoll oġġettivament miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ.

Ikkunsidrat;

Applikat dan l-insenjament għall-fattispeċje tal-każ in diżamina, il-Qorti tibda biex tosserva illi kif sewwa ġie sottomess mid-difiża fit-trattazzjoni, l-inċident li seħħ fis-7 ta' Novembru 2020 u l-fatti li seħħew wara, kif deskritt fix-xhieda ta' Kateryna Roik, fosthom is-segwiment bil-moħbi u t-telefonati u messaġġi kontinwi li damu sejrin sad-29 ta' Diċembru 2021, ma jirrientrawx fil-perijodu taż-żmien tar-reati li dwarhom l-imputat ġie mixli, ċioe' fil-25 ta' Marzu 2020 u/jew fil-ġranet u/jew fil-ġimgħat u/jew ix-xhur ta' qabel kif imsemmi fiċ-ċitazzjoni.

Il-Qorti ma taqbilx illi l-indikazzjoni tal-ġranet, ġimgħat u xhur ta' qabel il-25 ta' Marzu 2021, bħala ż-żmien tar-reati addebitati lill-imputat taħt l-artikoli 251A u 251B tal-Kap. 9, tista' titwessa' biex tinkludi fiha fatti li seħħew fis-sena ta' qabel, ċioe' fl-2020 anke jekk l-imputat qed jiġi mixli b'reat kontinwat meta allegatament ikkommetta d-diversi atti li jikkostitwixxu r-reati taħt l-artikolu 251A u l-artiklu 251B tal-Kap. 9.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa') v. Emanuel Ellul**[14] ġie ritenut:-

---

[13] Blackstone's Criminal Practice 2012 Ed. - B2.140 p.285. Emfasi tal-Qorti.

"*Kif inghad, l-imputat gie mixli illi kkommetta r-reat tal-uzurija "fl-20 ta' Marzu 2012 jew fix-xhur ta' qabel". Isegwi ghalhekk illi kif impostata, l-imputazzjoni tirreferi ghal fatti li graw fl-20 ta' Marzu jew fix-xhur vicini ta' dik id-data. Ghalkemm l-imputazzjoni giet dedotta bhala reat kontinwat, il-Qorti ma tqisx illi l-kuncett legali tal-kontinwita` a tenur tal-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali jista' jestendi oltre l-parametri temporali espressament dedotti fl-akkuza, ghaliex il-Qorti ma tista' qatt issib htija ghal xi reat li jkun sehh fi zmien iehor jew f'hin iehor u mhux dak indikat fl-akkuza.*

*... ... ...*

*Huwa rikonoxxut illi z-zmien huwa cirkostanza materjali u sostanzjali tal-kaz tal-Prosekuzzjoni, b'dan illi jekk il-parametru taz-zmien ikun gie indikat hazin, allura l-binarji tal-azzjoni wkoll jitqiesu li huma hazin. Ghalkemm m'huwiex rikjest mil-ligi li fl-imputazzjoni il-Prosekuzzjoni tindika bi precizjoni matematika iz-zmien tal-allegat reat, huwa certament desiderabbli li jsir hekk, specjalment fejn, bhal fil-kaz odjern, jirrizulta mill-provi illi l-imputat kien ilu jislef flus lill-konjugi Worley sa minn Novembru 2010 u kwindi fuq medda ta' iktar minn sena. ... ... ... Fil-kaz tal-imputazzjoni odjerna, iz-zmien indikat fl-akkuza jirreferi ghal xhur u mhux snin u ghalkemm bl-uzu tal-plural fil-kelma "xhur" l-ispazju temporali tal-fatti li ghalihom tirreferi l-imputazzjoni jista' jitqies li gie estiz ghal diversi xhur ohra, il-Qorti pero` tqis illi l-parametri tal-kelma xhur, b'mod generali ghandhom ifissru dawk il-ftit xhur qabel id-data specifikata, u ma jistghu qatt jiggebbdu biex jinkludu fihom fatti li jkunu sehhew tnax-il xahar jew iktar, qabel. Inoltre, il-Qorti hija tal-fehma wkoll illi* ***ma jistghux jidhlu fl-iskop tal-kliem "fix-xhur ta' qabel", dawk ix-xhur tas-sena ta' qabel id-data espressament msemmija fl- imputazzjoni, f'dan il-kaz l-20 ta' Marzu 2012***." (emfasi ta' din il-Qorti)

[14] 10th April 2019, delivered by this Court as presided. Cited with approval in the judgement delivered by the Court of Criminal Appeal in the names **Il-Pulizija v. Harish Daswani** on the 1st September 2020.

Dan l-insenjament ġie affermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Harish Daswani**[15], fejn ġie ritenut, abbażi tal-prinċipju appena msemmi:-

"*... that the Court could not have found guilt of the first charge in view that not all the elements of the offence took place in the period mentioned in the charge sheet. The Court is therefore abstaining from taking cognisance of the second grievance regarding article 248A of the Criminal Code as well as parts of the third grievance through which regard the charge of human trafficking, ...*"

Il-Qorti tistenna illi jekk l-Prosekuzzjoni riedet tinkludi fl-iskop tal-partikolarita' ta' żmien tal-akkużi, fatti u atti li seħħew fix-xhur qabel il-25 ta' Marzu 2021 iżda fis-sena preċedenti, l-*avviso da comparire* kien jispeċifika dan bl-indikazzjoni li r-reati addebitati seħħew ukoll fis-sena ta' qabel. Madankollu, kif imfassal, iċ-ċitazzjoni ma tagħmel ebda referenza kwalsiasi għal fatti li seħħew fis-sena ta' qabel u għalhekk, avvenimenti u fatti li seħħew fis-sena preċedenti, 2020, kif deskritt minn Kateryna Roik fix-xhieda tagħha, ma jistgħux jittieħdu in konsiderazzjoni għall-fini li jiġi stabbilit il-konkorrenza tal-elementi kostituttivi tar-reati addebitati lill-imputat taħt l-artikolu 251A u 251B tal-Kap. 9. Barra dan il-fatt li l-Prosekuzzjoni baqgħet ma talbitx il-korrezzjoni tal-parametri ta' żmien kif indikat fiċ-ċitazzjoni biex dawn jinkludu espressament b'riferenza għall-akkużi, fatti li seħħew f'Novembru jew Diċembru tas-sena 2020.

Għalhekk, il-Qorti sejra tieħu in konsiderazzjoni biss il-fatti li seħħew mill-1 ta' Jannar 2021 'l quddiem mingħajr qies tal-fatti li seħħew fis-sena ta' qabel, biex tistabbilixxi reita' dwar l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet. Iżda tagħmilha ċar li mhux sejra twarrab dawn il-fatti għal kollox għaliex meta tiġi biex tagħmel apprezzament tal-provi biex twieżen il-kredibbilita' tax-xhieda, l-evalwazzjoni tal-provi teħtieġ li tkun waħda sħiħa u effettiva abbażi tal-kumpless tal-provi kollha miġjuba fl-atti proċesswali.

---

[15] *Ibid*.

Ikkunsidrat;

Illi dan stabbilit, il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet abbażi ta' dak li ħareġ mix-xhieda u l-provi proċesswali.

Huwa ammess mill-imputat fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti kif ukoll fl-istqarrija tiegħu, illi huwa kien bagħat messaġġi lil Kateryna Roik u ċemplilha diversi drabi u ma weġbitux għaliex riedha tħallsu lura l-flus li kien taha, u għalhekk, it-Tlieta 23 ta' Marzu 2021, kien mar wara l-bieb tad-dar tagħha fejn semagħha titkellem iżda ma fetħitlux. Kien reġa' mar l-għada biex iħallilha l-ikel wara l-bieb tagħha wara li qaltlu li lanqas għandha flus biex tixtri x'tiekol u ammetta wkoll li kien mar għandha l-Ħamis.

Kateryna Roik xehdet li l-imputat kien jibagħtilha messaġġi u telefonati minn numri differenti għaliex kienet imblokkat in-numru tiegħu u dan b'mod ripetut. Fit-23 ta' Marzu 2021 kien stenna wara l-bieb tad-dar tagħha lejl sħiħ u sforza ruħu ġewwa l-appartament tagħha meta fetħet il-bieb biex toħroġ u tmur tagħmel rapport lill-Pulizija. Xehdet illi l-messaġġi u telefonati kontinwi u l-fatt li kien imurilha wara l-bieb tad-dar tagħha, kienu jġiegħluha tħossha ssikkata u taħt pressjoni u kienet tibża' toħroġ waħedha.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-imġieba tal-imputat konsistenti fit-telefonati u messaġġi lill-kwerelanti fejn talabha tħallsu lura eluf ta' Euro tal-affarijiet kollha li kien ħallsilha meta kien f'relazzjoni flimkien, **meta kien jaf li ma kellhiex flus għaliex ma kellhiex impieg fiss jew regolari u skont dak li xehed huwa stess, kienet qaltlu li kienet ser tħallsu kollox kif tibda taħdem, hija diġa' fiha nnifisha, vessatorja.** Dan iktar u iktar meta kif stqarr waqt l-interrogazzjoni, kienet qaltlu wkoll li **ma kellhiex flus biex tixtri x'tiekol u tixrob** tant illi ħass li kellu jixtrilha l-ikel u ħallihulha wara l-bieb tagħha. Fix-xhieda tiegħu l-imputat sostna li kien iħallas l-ispejjeż ta' dawl, ilma u l-kera tal-appartament tal-kwerelanti kif ukoll il-bżonnijiet

personali bażiċi u kien jibgħat flus ukoll lill-ġenituri tagħha fl-Ukraina. F'dan il-kwadru ta' fatti kellu jkun ovvju għall-imputat li l-kwerelanti mhux biss ma kienetx f'pożizzjoni finanzjarja li tħallsu lura (wisq inqas tħallas l-ammont kollu f'daqqa kif kien qed jitlob), iżda wkoll li ma riditx tkellmu, u kien imissu jaf li t-telefonati u messaġġi ripetuti tiegħu kellhom ikunu ta' dwejjaq għaliha. Għall-Qorti, hu ovvju li d-deċiżjoni ħesrem u fiċ-ċirkostanzi, għal kollox illoġika, tal-imputat li għandu jibda jinsisti mal-kwerelanti biex troddlu flusu lura immedjatament, ħadha jew għaliex ried ikollu skuża biex jibqa' f'kuntatt magħha minkejja li ma riditx ikollha x'taqsam iktar miegħu, u jew għaliex ried ipattihielha għaliex ħass li kienet użatu għall-flus.

F'kull każ li jkun iżda, l-imputat ma setax, raġjonevolment, ma kienx konxju tal-fatt li l-kwerelanti ma riditx tkellmu iktar wara li imblokkat in-numru tiegħu fuq il-mobile tagħha u ma kienetx, *ex admissis*, qed twieġeb it-telefonati u lanqas il-messaġġi tiegħu. Iktar minn hekk, missu kien jaf ukoll illi fiċ-ċirkostanzi, fejn huwa stess xehed illi l-Pulizija kienu wissewh biex ma jibqax imur ħdejn id-dar tagħha u lanaqas iċempel jew jibgħat messaġġi, l-imġieba tiegħu konsistenti fl-insistenza kontinwa għall-ħlas ta' flusu u t-tenattivi biex jikkomunika mal-kwerelanti fir-rigward, inkluż u li jħabbtilha fuq il-bieb biex jitħallas flusu, u fuq kollox il-fatt li stenna lejl sħiħ wara l-bieb tad-dar tagħha biex ikellimha, kienu manifestament irraġjonevoli, maħsuba speċifikatament biex iqanqlu sensazzjoni ta' allarm u dwejjaq u jammontaw għall-fastidju tal-kwerelanti.

Il-Qorti fehmet illi b'mod ġenerali, il-kwerelanti kienet tibża' mill-imputat għaliex kien vjolenti magħha fl-inċident tas-7 ta' Novembru 2020, fejn kien ukoll heddidha, u kien hemm ukoll żmien (għad illi ma jirrientrax fiż-żmien tal-akkużi odjerni) meta kien qed isegwiha bil-moħbi. Din il-verzjoni hi korroborata bis-sħiħ minn Evguenia Cassar li kienet qed takkumpanja lill-kwerelanti f'żewġ okkazzjonijiet meta l-imputat kien qed isegwiha u kienet ukoll ratha mwerwra meta marret għandha l-għada tal-inċident tat-23 ta' Marzu 2023. Jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' PS 2007 Theresa

Farrugia[16] u l-okkorrenza ppreżentata minnha fl-atti proċesswali[17], illi meta l-kwerelanti kienet qed tirrapporta l-inċident tas-7 ta' Novembru 2020 fl-Għassa tal-Pulizija tal-Qawra, l-imputat beda jibgħat diversi messaġġi fuq il-mobile tagħha fejn qal li kien barra l-bieb tad-dar tagħha u kien qed jheddidha li jibqa' jmur wara l-bieb tagħha kuljum u jibqa' jistenna ġurnata jew lejl sħiħ sakemm tiftaħlu.

Il-Qorti rat lill-kwerelanti tixhed quddiemha u fuq il-pedana tax-xhieda, l-iktar fid-depożizzjoni tas-17 ta' Novembru 2021, il-manifestazzjoni tad-dwejjaq u l-biża' li ddeskriviet fix-xhieda, kienet evidenti fil-komportament tagħha kif ukoll fi kliemha u l-Qorti ma għandha ebda dubju li din l-imġieba tal-imputat qanqal fiha biża' u allarm ġenwin. Kemm hu hekk, wara li semgħet ix-xhieda tal-kwerelanti fis-17 ta' Novembru 2021, il-Qorti dehrilha illi kellha toħroġ Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront tal-imputat biex tipprovdi għas-sigurta' tagħha. **Barra dan il-fatt li għalkemm xehdet xejn inqas minn erba' darbiet quddiem il-Qorti u ġiet sottopposta wkoll għal kontro-eżami intensiv u fit-tul, il-verżjoni tagħha baqgħet konsistenti mill-bidu sal-aħħar u ma nisslet ebda dubju f'moħħ il-Qorti dwar il-veraċita' tagħha**.

Huwa minnu li anke wara li r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet spiċċat, l-imputat baqa' jħallas xi spejjeż tal-kwerelanti fosthom l-ispejjez tal-lukanda fejn qattgħet ftit ġranet sakemm l-appartament li kienet kriet f'san Ġwann kien lest biex tidħol tgħix fih, u d-depożitu għall-kiri ta' dan l-istess appartament. Ma jidhirx li l-kwerelanti rrifjutat dawn il-ħlasijiet iżda insistiet fix-xhieda tagħha illi qatt ma talbitu biex iħallas għal dawn l-ispejjeż jew biex jagħtiha xi flus jew għajnuna, u sostniet li "*he tried to buy me and tried to make it would my accepting*"[18]. Madanakollu għall-Qorti dan la jfisser li l-partijiet kienu f'relazzjoni flimkien dak iż-żmien u lanqas ifisser illi huwa ma kienx qed idejjaqha u jagħtiha fastidju meta beda jitlob flusu lura b'mod persistenti. Il-Qorti temmen il-verżjoni tal-kwerelanti li iktar riċentement, ma baqgħetx tinjora lill-imputat u taħrab minnu għaliex ma riditx tqanqal problemi ġodda miegħu anke peress li dak

---

[16] Xhieda tat-3 ta' Marzu 2022.
[17] Dok. TF1. Il-messaġġi li ntbagħtu mill-imputat dakinhar xehdet dwarhom PS 2007 u jinsabu wkoll riprodotti fl-okkorrenza.
[18] Xhieda 12 ta' Ottubru 2022.

iż-żmien kienet qed tistenna li l-każ dwar ir-rapport li għamlet mal-Pulizija in konnessjoni mal-inċident tas-7 ta' Novembru 2020, jibda jinstema' quddiem il-qorti u kienet qed tibża'. Il-fatt li l-kwerelanti aċċettat li l-imputat iħallas id-depożitu għall-kiri tal-appartament li kienet bi ħsiebha tixtri u ħallas ukoll l-ispejjeż tal-lukanda fejn qagħdet sakemm setgħet tidħol fl-appartament mikri, ma jinnewtralizzax il-konvinċiment tal-Qorti dwar il-kredibbilita' tal-verżjoni tagħha.

Barra minn hekk, il-Qorti xejn m'hi konvinta bil-verżjoni tal-imputat li bejn Jannar u Marzu 2021 il-partijiet kienu f'relazzjoni. Hu minnu li l-kwerelanti ma baqgħetx tinjorah u kien hemm xi xejra ta' komunikazzjoni bejniethom fejn kif diġa' ġie stabbilit, l-imputat ħallas id-depożitu għall-kiri tal-appartament u xi spejjeż oħra iżda hu eskluż li dan seħħ fil-qafas ta' relazzjoni intima. Kemm hu hekk, il-Qorti tosserva illi fl-istqarrija li rrilaxxa fit-28 ta' Marzu 2021 l-imputat qatt ma asserixxa li fil-perijodu meta kien ħallas id-depożitu tal-kera huwa kien f'relazzjoni mal-kwerelanti, anke meta ġie mistoqsi għaliex baqa' jħallas għall-kwerelanti minkejja li ma kienux f'relazzjoni. Fil-fatt, fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti, l-imputat xehed hekk dwar ir-relazzjoni tagħhom: "*Meta spiċċat fil wara fis-sena l-ġdida 2021 ma kellix ... iġifieri mhux ... imma kont ngħinha*" u mistoqsi mill-Qorti jekk allura r-relazzjoni li kellhom kienet qabel l-aħħar tas-sena, wieġeb fl-affermattiv.

Din il-fehma hi msaħħa ulterjorment bil-fatt illi l-messaġġi li ġew esebiti mill-imputat waqt id-depożizzjoni tiegħu, kważi kollha juru d-data tat-30 ta' Marzu u l-ebda data oħra. Għalkemm il-Qorti tifhem li mhuwiex raġjonevolment possibbli li din hija d-data rejali li fiha ntbagħtu l-messaġġi[19], l-imputat ma xehedx biex jispjega d-data tat-30 ta' Marzu x'tirrappreżenta u ma jirriżultax mix-xhieda tiegħu jew il-provi mressqa minnu f'liema perijodu wisq inqas id-data meta dawn il-messaġġi ntbagħtu. L-atti proċesswali huma wkoll għal kollox sajma minn prova dwar in-numru li minnhom intbagħtu l-messaġġi u fuq liema numru ntbagħtu u lanqas jista' jiġi stabbilit liem'huma l-messaġġi li allegatament intbagħtu mill-kwerelanti u dawk li ntbagħtu

[19] Ir-relazzjoni tagħhom bdiet f'Mejju 2020 u l-imputat stqarr li ma kienx reġa' kkuntattja lill-kwerelanti wara l-25 ta' Marzu 2021.

mill-imputat, rispettivament. Fil-fatt, ħadd ma xehed dwar in-numru tal-mobile tal-kwerelanti u jekk tassew in-numru tagħha huwa 77622224, kif ġie allegat mill-imputat, dan jidher fuq **uħud biss**[20] mill-messaġġi esebiti. Iktar minn hekk il-Qorti fehmet illi wħud mill-messaġġi jikkonsistu fi *screenshots* mill-mobile tal-kwerelanti nnifisha, fosthom AMJ5 fejn huwa evidenti li l-isem li jidher li bagħat il-messaġġ lil "*George Owner*" huwa miktub f'xi xejra ta' *cyrillic script* li bih jinkitbu l-ittri tal-alfabet Ukraina u ma hemm xejn fil-messaġġ li jindika li dan il-messaġġ intbagħat lill-imputat.

Huwa minnu li l-kondotta tal-imputat fil-konfront tal-kwerelanti fil-perijodu bejn 7 ta' Novembru 2020 u l-aħħar tas-sena 2020, kif jirriżulta mix-xhieda tal-kwerelanti nnfisha, Evguenia Cassar u PS 2007 Therese Farrugia, seħħet f'perijodu li ma taqa' barra ż-żmien tar-reati kif ċirkoskritt fiċ-ċitazzjoni u għalhekk ma tgħoddx bħala prova tal-kondotta li tinsab taħt l-iskrutinju ta' din il-Qorti. Iżda dan ma jnaqqas xejn mill-fatt illi dik il-kondotta indubbjament ikkaġunat u instawrat biża' fil-kwerelanti – kif del resto jirriżulta mix-xhieda tagħha stess u ta' xiehda oħrajn tal-Prosekuzzjoni - u ammontat ukoll għal fastidju.

Dan qed jingħad għaliex huwa ppruvat illi fiż-żmien tar-reati addebitati f'din il-kawża, l-imputat reġa' aġixxa b'kondotta identika fejn din id-darba t-theddid fil-messaġġi li kien bagħat fis-7 ta' Novembru 2022 - ċioe' li jagħmel lejl sħiħ jistenna barra r-residenza tal-kwerelanti u jibqa' jissikkaha biex troddlu lura l-affarijiet tiegħu – tabilħaqq immaterjalizza meta bagħat messaġġi u telefonati ripetuti lill-kwerelanti b'talbiet vessatorji għall-ħlas ta' flusu u meta mar tliet darbiet in fila wara l-bieb tar-residenza tagħha biex iħabbat ħalli tiftaħlu u tħallsu. Fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti ma għandhiex dubju li din l-imġieba tal-imputat reġgħet qanqlet l-istess biża' fil-kwerelanti li ser tintuża vjolenza fil-konfront tagħha kif ukoll l-istess sensazzjoni ta' dwejjaq u oppressjoni skont kif del resto xehdet hi stess.

---

[20] Messaġġi f'paġna 192 u paġna 193 biss.

Il-Qorti hi pjenament sodisfatta li fit-telefonati u l-messaġġi tal-imputat lill-kwerelanti, meta kienet qaltlu diversi drabi biex iħalliha bi kwietha[21], fejn kellu wkoll ikun ovvju għalih li kien qed jippersegwitaha inutilment, kif ukoll fil-fatt li ħabbat il-bieb tagħha u għamel lejl sħiħ jistenna barra u reġa' mar quddiem ir-residenza tagħha l-għada u l-ġurnata ta' wara, huwa sewwasew ravviżabbli l-kondotta li l-liġi trid tipprojibixxi. Dan qed jingħad għaliex kondotta bħal din hi inerentement ikkalkolata biex tagħmel pressjoni indebita u toħloq biża', u fil-każ tal-kwerelanti, biża' li ser terġa' tintuża l-vjolenza fil-konfront tagħha, liema vjolenza effettivament immaterjalizzat fit-23 ta' Marzu 2021. **Għandu jingħad ukoll illi filwaqt li fil-vittma rinfaċċjata b'kondotta bħal din, it-tqanqil ta' sensazzjoni ta' dwejjaq u allarm huwa oġġettivament deżumibbli, fil-każ in diżamina din is-sensazzjoni kienet pależement riskontrabbli fuq livell soġġettiv fil-komportament tal-kwerelanti fuq il-pedana tax-xhieda**.

Fil-fehma tal-Qorti, din il-kondotta tal-imputat, ikkunsidrata komplessivament, hija għal kollox irraġjonevoli u mhux kif imissu jkun, kif ukoll irrikonċiljabbli mal-komportament ta' persuna adulta raġjonevoli u ċivilizzata. Iktar minn hekk l-imputat naqas milli juri li din il-kondotta kienet meħtieġa għal xi waħda mir-raġunijiet maħsuba fl-artikolu 251A(3) tal-Kap. 9. Għaldaqstant, l-elementi kollha tar-reat ta' fastidju kif ukoll ir-reat taħt l-artikolu 251B tal-Kap. 9 huma ppruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

Huwa ppruvat ukoll abbundantement illi l-imputat mexa b'kondotta li kkaġunat biża' fil-kwerelanti kif ukoll fastidju **f'iktar minn okkażjoni waħda**, u dan meta bagħat diversi messaġġi u ċempel lil Kateryna Roik minn numri differenti (peress li kien diġa' mblokkat in-numru tal-mobile tiegħu u mblokkat ukoll diversi numri oħrajn li kien qed jipprova jikkuntattjaha minnhom), meta stenna barra r-residenza tagħha bejn it-22 ta' Marzu 2021 u t-23 ta' Marzu 2021 sakemm ħarġet fil-għodu, kif ukoll meta daħal bil-forza fir-residenza tagħha hekk kif fetħet il-bieb u meta reġa' mar wara l-

[21] *"I all the time ask him leave alone, leave me alone, leave me alone, never, not asking."*

bieb tagħha l-għada, allegatament biex iħallilha l-ikel[22]. Għalkemm tassew il-Prosekuzzjoni ma ressqitx prova konsistenti fi *screenshots* jew kopja stampata tal-messaġġi jew estrazzjoni tad-data mill-mobile ta' xi waħda mill-partijiet, wieħed irid jiftakar li **l-imputat ammetta hu stess fl-istqarrija illi Kateryna ma bdietx tirrispondi t-telefonati tiegħu u lanqas il-messaġġi li kien qed jibagħtilha**. Barra dan il-fatt illi hu stabbilit mill-provi illi l-imputat kisser iż-żewġ iPhones tal-kwerelanti u għalhekk jeżisti raġuni valida l-għala din il-prova ma tressqitx. L-Ispettur Audrey Micallef xehdet ukoll illi fl-25 ta' Marzu 2021 Kateryna Roik ċemplet lill-Pulizija u rrapportat illi l-imputat kien mar fir-residenza tagħha u beda jgħajjarha u reġa' talabha għall-flus fejn ġie rapportat li huwa qal dan il-kliem: "*I will come everyday to take what I want from you*". Huwa minnu li Kateryna Roik ma xehditx espressament dwar dan l-episodju, iżda xehdet illi wara r-rapport tat-23 ta' Marzu 2021 kellha tagħmel rapport ieħor biex tispjega lill-Pulizija li l-imputat baqa' jipprova jkellimha[23], skont kif del resto jirriżulta mir-rapport tal-okkkorrenza[24] u fil-verżjoni li ġie rapportat minnha lir-*risk assessors* fit-23 ta' Marzu 2021[25] kif ukoll mill-istqarrija tal-imputat innifsu.

Għall-Qorti dan kollu magħdud ifisser li l-imġieba tal-imputat li tikkaġuna biża' kif ukoll fastidju – kif ġie stabbilit ukoll bi provi dwar l-imġieba tiegħu fil-passat - seħħet f'iktar minn okkażjoni waħda fil-perijodu ta' żmien tar-reati taħt l-artikoli 251A u 251B tal-Kap. 9.

Għaldaqstant, l-imputat sejjer jinstab ħati tar-reati addebitati lilu fl-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet.

Ikkunsidrat;

[22] Iżda fir-rigward ara rapport tal-25 ta' Marzu 2021 u xhieda Spettur Audrey Micallef, 17 ta' Ottubru 2021.

[23] Xhieda tas-17 ta' Novembru 2021, paġna 66 tal-atti proċesswali

[24] Aġġornament tal-25 ta' Marzu 2021.

[25] Din il-verżjoni tinsab ukoll fir-risk assessment tat-23 ta' Marzu 2021, paġna 12 sa paġna 22 tal-atti proċesswali, ikkonfermat fix-xhieda ta' Vinciana Vella.

Illi fit-tielet imputazzjoni l-imputat ġie mixli bir-reat ta' ħsara volontarja. Kateryna Roik xehdet illi fit-23 ta' Marzu 2021 meta l-imputat daħal bil-forza fl-appartament tagħha, huwa kissrilha żewġ iPhones kif ukoll nuċċali tax-xemx u par Airpods.

Il-Qorti kif diġa' ġie stabbilit qabel, temmen il-verżjoni ta' Kateryna Roik u ma tqisx illi l-verżjoni tal-imputat li ċaħad li daħal bil-forza fir-residenza tagħha u li ma kienx kisser l-oġġetti msemmija għaliex kien xtrahomlha hu stess, għandha mis-sewwa. Għaldaqstant hi sodisfatta li huwa ppruvat kif imiss illi l-imputat daħal fl-appartament tal-kwerelanti kontra r-rieda tagħha meta fetħet il-bieb biex toħroġ, u kissrilha l-oġġetti li kien xtralha, *multo magis* meta tqis li dan kollu seħħ meta l-imputat, kif ġie mistqarr minnu stess, ħass li Kateryna kienet użatu għall-flus, kienet qed titkellem ma' xi ħaddieħor u ma radditlux lura l-flus li kien ħallasha.

Ġie sottomess mid-difiża illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq l-aħjar prova tal-allegat ħsara, ċioe' l-fdalijiet tal-mobile phones u l-oġġetti l-oħra li allegatament ġew imkissrin mill-imputat. Għalkemm tassew il-liġi tesiġi li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti, din hija r-regola[26] li m'hijiex assoluta, u ma jfissirx fil-każ tar-reat ta' ħsara volontarja, li għandu bil-fors jiġi esebit l-oġġett imħassar għall-prova tar-reita' fil-grad meħtieġ għas-sejbin ta' ħtija kriminali. Dan il-grad ta' prova jista' jintlaħaq ukoll b'xhieda u evidenza oħra li kkunsidrati komplessivament, jinstawraw fil-Qorti konvinċiment morali li l-ħsara tkun tassew seħħet kif allegat, minkejja r-regola stipolata fis-subartikolu (1) tal-artikolu 638 tal-Kap. 9. Kemm hu hekk, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu 638 jagħmilha ċar illi b'dan kollu, f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, **hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox**.

Applikat dan għall-każ in diżamina, hija l-fehma tal-Qorti illi x-xhieda tal-kwerelanti fir-rigward mhux biss hi kompatibbli mal-verżjoni li kienet rapportat lill-Pulizija fl-

[26] Artikolu 638(1) tal-Kap. 9.

okkorrenza[27] iżda hi sostanzjata wkoll mix-xhieda ta' Evguenia Cassar li xehdet illi l-għada tal-inċident, rat il-fdalijiet tat-telefon ċellulari tal-kwerelanti ta' oġġetti oħrajn fosthom nuċċali tax-xemx u iPhone ieħor u rat ukoll li kienet imwerwra.

Huwa ppruvat mir-riċevuti esebiti fl-atti proċesswali (Dok. AM1, AM2 u AM3) illi l-iPhone 11 ProMax, Airpods u nuċċali tad-ditta Rayban, kellhom valur komplessiv ta' €1,772.01 li jfisser illi l-valur tal-ħsara jiffigura fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9. Ma nġabitx prova tal-valur tal-iPhone 6 li wkoll ġie mkisser mill-imputat fl-istess episodju.

Ikkunsidrat;

Fir-raba' imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat li "*insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Kateryna Roik*". Din l-imputazzjoni iżda, ma jidhirx li hi msejsa fuq xi dispożizzjoni tal-Kodiċi Kriminali u fil-fatt, il-Qorti ma riskontrat ebda dispożizzjoni li tippunixxi min jinsulenta, jhedded jew jinġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil persuna oħra.

L-iktar reat imsawwar bi kliem simili għall-kliem tar-"*reat*" addebitat fit-tielet imputazzjoni hi r-reat kontravvenzjonali taħt l-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9. Iżda l-imputat qed jiġi mixli espressament b'dan ir-reat kontravvenzjonali fir-raba' imputazzjoni, ċioe' li fil-25 ta' Marzu 2021, inġurja jew hedded lil Kateryna Roik b'inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra fil-Kodiċi, jew jekk ġie pprovokat, inġurjaha b'mod li ħareġ 'il barra mil-limiti tal-provokazzjoni. Mill-provi li ġew imressqin mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti hi sodisfatta li l-imputat hedded lil Kateryna Roik u dan meta fit-23 ta' Marzu 2021 heddidha li jekk ma kienetx ser tiffirma b'dikjarazzjoni bil-miktub li għandha tħallsu lura s-somma ta' €10,000, ser jeħodilha l-passaport sakemm tħallsu lura l-flus kollu li kien selfilha.

[27] Paġna 23 *et sequitur* tal-atti u xhieda ta' PS 1500 Alfred Cutajar.

Għaldaqstant, filwaqt li l-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni, sejra ssib lill-imputat ħati tar-reat kontravvenzjonali taħt l-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fedina penali kompletament netta tal-imputat iżda wkoll il-fatt illi evidentement, mhux kapaċi jirrikonoxxi illi għalkemm jista' jkun minnu li l-kwerelanti hija debitriċi tiegħu, dan ma jfissirx li għandu dritt jagħtiha fastidju u jintimidaha. Hawnhekk il-Qorti tħoss li għandha tippuntwalizza li s-sottomissjoni tad-difiza fit-trattazzjoni li l-imputat kien qed isegwiha għall-ħlas biss u kellu dritt jaġixxi kif għamel u jsegwi lill-kwerelanti għaliex kien qed jipprova jikseb mingħandha l-ħlas ta' debitu, m'hijiex flokha, hija wkoll perikoluża u ma tirrientrax taħt ebda waħda miċ-ċirkostanzi maħsuba mis-subartikolu (3) tal-artikolu 251A tal-Kap. 9.

Il-Qorti tqis illi meta kien jaf tajjeb li Kateryna Roik kienet f'pożizzjoni vulnerabbli għaliex meta ltaqa' magħha kienet għadha kif ġiet tgħix Malta u kienet waħedha mingħajr ħbieb jew familjari f'pajjiż ġdid, u wkoll mingħajr impieg, l-imġieba tiegħu fil-konfront tagħha m'hi xejn għajr esplojtazzjoni viljakka misoġena. Imġieba abbużiva bħal din tistħoqq li tiġi penalizzata b'mod effettiv għaliex hija minaċċa għal min fis-soċjeta' jkun jinsab f'pożizzjoni dgħajfa u għalhekk, il-Qorti filwaqt li mhux ser timponi piena karċerarja effettiva, tqis li l-piena għandha tirrifletti s-severita' tal-abbuż imwettaq fuq il-vittma kif ukoll isservi bħala deterrent.

Billi l-imputat ġie mixli li wettaq id-delitti taħt l-artikoli 251A u 251B tal-Kodiċi Kriminali fuq Kateryna Roik li kienet is-sieħba preċedenti tiegħu, jikkonsegwi illi dawn ir-reati huma aggravati bl-applikazzjoni tal-artikolu 251HA li jagħmel riferenza għall-artikolu 202 tal-Kap. 9, fejn dan tal-aħħar iqis bħala aggravat id-delitt li jiġi kommess fuq persuna oħra li tkun jew kienet f'relazzjoni mal-ħati kemm bil-ħsieb li tiżżewweġ u kemm jekk le. Il-Qorti ma taqbilx li l-aggravju tal-piena taħt l-artikolu

251H tal-Kap. 9 isib riskontru fil-fattispeċje tal-każ in dizamina għaliex filwaqt li huwa ppruvat li d-delitt twettaq mill-imputat kontra s-sieħba ta' qabel tiegħu, ma jirriżultax illi huwa membru tal-familja, persuna li tgħix mal-vittma jew persuna li tkun abbużat mill-awtorità tagħha.

Lanqas mhuma applikabbli d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 251H(b) tal-Kap. 9 għaliex il-Qorti fehmet li għall-applikazzjoni tal-aggravju fil-piena meta d-delitt jew id-delitti relatati, twettaq jew twettqu ripetutament, irid ikun ippruvat illi d-delitt innifsu u mhux wieħed mill-elementi materjali tad-delitt, ikun seħħ ripetutament. Fil-każ tar-reati taħt l-artikoli 251A u 251B tal-Kap. 9, il-kondotta ripetuta hija element integrali tad-delitt u għalhekk il-fatt li l-kondotta li tikkaġuna biża' ta' vjolenza jew fastidju sseħħ iktar minn darba huwa meħtieġ għar-reita' u ma jistax għalhekk jiswa wkoll biex tiġi aggravata l-piena. Magħdud dan il-fatt illi għall-fini tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (b) tal-artikolu 251H tal-Kap. 9 l-Qorti ma tistax fil-proċediment odjern, issib ħtija għar-reati appena msemmija minħabba l-kondotta tal-imputat fil-perijodu li jaqa' barra ż-żmien tal-akkużi odjerni anke jekk jista' jirriżulta li l-imputat seta' tassew, dak iż-żmien ukoll, wettaq xi wieħed jew iktar mid-delitti msemmija.

Għaldaqstant, il-piena sejra tiġi aggravata biss bi grad bl-applikazzjoni tal-artikolu 251HA li jagħmel riferenza għall-artikolu 202(h) tal-Kap. 9 inkluż għalhekk il-paragrafu (vi) tal-istess artikolu.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li qieghda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17, 18, 202(h)(vi), 251A, 251B, 251HA, 325(1)(b) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil MAJED ALDARWISH ħati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-ħames imputazzjonijiet u tikkundannah wieħed u għoxrin (21) xahar priġunerija iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna li din is-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk fi żmien tliet (3) snin il-ħati jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront ta' ALDAWISH MAJED għall-protezzjoni tas-sigurta' ta' Kateryna Roik għal żmien tliet (3) snin.**

**Għall-fini tal-artikolu 412Ċ(6) tal-Kapitolu 9, reż applikabbli mill-artikolu 382A tal-istess Kapitolu 9, tordna li l-Ordni ta' Trażżin jiġi komunikat lill-Kummissarju tal-Pulizija, li għandu jieħu l-azzjonijiet kollha neċessarji sabiex jiżgura l-monitoraġġ tal-kundizzjonijiet ta' tali ordni, inkluż l-użu ta' mezzi elettroniċi, skont il-kaz.**

**Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-ħati jħallas lil Kateryna Roik is-somma ta' elf, seba' mija u tnejn u sebgħin Euro (€1,772.00) rappreżentanti l-kumpens għall-ħsara kkaġunata permezz tar-reat taħt l-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9, fi żmien tliet (3) xhur.**

**Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbiltà tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija, kif ukoll ir-responsabbilitajiet tiegħu taħt l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 jekk hu jonqos li jikkonforma ruħu mad-direttiva għall-ħlas tad-danni fiż-żmien ordnat.**

DR. RACHEL MONTEBELLO
MAĠISTRAT.